**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Jannar, 2021.**

**Rikors Nru. 54/09GM**

**Sharon Coleiro (ID Nru. 528674)**

**vs**

**Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla**

**u**

**GasanMamo Insurance Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew illi:-

> Fit-22 ta' Mejju 2006 għal ħabta tal-4.15 p.m., waqt li l-esponenti kienet qed issuq il-vettura Nru. BBB 509, propjeta' tagħha, ġo Valley Road, Msida, hija sfat involuta f'inċident awtomobilistiku meta l-vettura Nru. AAM 492 misjuqa mill-konvenut Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla baqgħet diehla fil-wara tal-vettura tagħha bil-konsegwenza li l-vettura tagħha

mbagħad sfat imbuttata għal ġo vettura oħra propjeta' ta' terzi li kienet quddiemha. **[DOK. ZM1].**

2. Għall-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament il-konvenut Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti.

3. Il-vettura Nru. AAM 492 kienet assikurata mas-soċjeta' konvenuta Gasan Mamo Insurance Limited. Min-naħa tiegħu, il-konvenut Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla ddelega lill-assikurazzjoni tiegħu sabiex tittratta mal-esponenti l-kwistjoni tad-danni ċivili tagħha. Fil-fatt saret *claim* bin-Numru M06/4398 u Gasan Mamo Insurance Limited ittrattat direttament mal-esponenti.

4. Bħala konsegwenza tal-inċident, l-esponenti ġarrbet *damnum emergens* konsistenti fil-ħsara tal-vettura tagħha, l-ispejjes tal-kura għall-ġrieħi gravi li ġarrbet fl-inċident u telf ieħor li jiġi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. L-esponenti sofriet ukoll *lucrum cessans* stante li bħala effett dirett tal-inċident, hija ġarrbet debilita' permanenti riskontrata u aċċertata. [**DOK. ZM2 u DOK. ZM3**].

6. Is-soċjeta' Gasan Mamo Insurance Limited bħala assikuratur tal-konvenut Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla ħallset l-ispejjes tat-tiswija tal-vettura Nru. BBB 509 pero' baqgħet ma ħallsitx la l-bqija tad-*damnum emergens* li nkorriet l-esponenti u lanqas il-*lucrum cessans* tagħha.

7. Fit-23 ta' April 2008, l-esponenti ppresentat ittra uffiċjali kontra l-konvenuti li għalkemm kienu debitament notifikati baqgħu inadempjenti versu l-pretensjoni tagħha. Din l-ittra uffiċjali segwiet ittra interpellatorja li l-esponenti kienet bagħtet lis-soċjeta' assikuratriċi konvenuta fis-27 ta' Marzu 2008.

8. L-esponenti għandha dritt ta' azzjoni diretta kontra ż-żewġ konvenuti. Kontra l-konvenut Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla għal *culpa aquiliana* skond Art. 1031 u 1032 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u kontra Gasan Mamo Insurance Limited għaliex bħala assikuratur awtorizzat [*authorised insurer*] tal-vettura Nru. AAM 492 li kienet qed tinsaq minn Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla waqt l-inċident hija obbligata tagħmel tajjeb direttament għad-danni li ġarrbet l-esponenti u dan skond Art. 9A tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess ġarrbet l-istanti.
2. Tillikwida d-danni kollha ta' l-istanti, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenut Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla u lis-soċjeta' Gasan Mamo Insurance Limited din tal-aħħar fil-vesti tagħha bħala assikuratur tal-vettura Nru. AAM 492 sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu lill-attriċi dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut minnhom in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Marzu 2008 u dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' April 2008, u bl-imgħax legali skond il-liġi, kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

1. Ir-responsabbilita' għall-inċident mertu tal-kawża odjerna diġá ġie ammess u aċċettat mill-intimati, tant illi diġá saru xi ħlasijiet lir-rikorrenti għall-ħsarat illi ġarrbet *damnum emergens*.

2. Id-danni l-oħra pretiżi mir-rikorrenti, u b'mod partikolari dawk *lucrum cessans* huma kkontestati u dana stante illi ma tirriżulta l-ebda debilita` permanenti fir-rikorrenti – hekk kif iċċertifika l-konsulent ortopediku Mr Frederick Zammit Maempel, permezz tar-rapport anness u mmarkat bħala **Dok. GMI.1**.

3. Il-biċċa l-kbira tad-danni *damnum emergens* li r-rikorrenti għad qed tippretendi mingħand l-intimati jikkonsistu fi spejjeż frivoli u li m'huma ġustifikabbli bl-ebda mod – bħal per eżempju kwantitá eżaġerata ta' irċevuti għal "car park charges" u kwindi l-intimati jeċċepixxu illi anke

f’każ illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkundannahom sabiex iħallsu kwalunkwe’ somma ta’ danni a favur ir-rikorrenti, tali likwidazzjoni għandha tkun illimitata esklussivament u purament għal danni attwali u ġustifikati, u li jirriżultaw **biss** mill-inċident awtomobilistiku mertu tal-kawża;

4. F’każ ta’ kwalunkwe’ likwidazzjoni ta’ danni a favur ir-rikorrenti, għandha titnaqqas kull somma ta’ benefiċċju u/jew kumpens illi r-rikorrenti diġá ħadet jew ser tieħu minn sorsi oħrajn – sew pubbliċi kif ukoll privati – minħabba l-istess inċident mertu tal-kawża odjerna.

Rat il-verbal tagħha (diversament preseduta) tat-30 t’Ottubru 2009 li permezz tiegħu il-konvenuti ammettew ir-resposabilita’ tal-inċident u ġie maħtur Mr Ivan Esposito bħala espert mediku.[1]

Rat il-verbal tagħha (diversament preseduta) tal-20 ta’ Ġunju 2011 li permezz tiegħu itterminat l-inkarigu ta’ Mr Ivan Esposito u ħatret minfloku lil Mr Jason Zammit bħala espert mediku.[2]

Rat ir-Rapport imressaq mill-espert mediku fl-24 ta’ Mejju 2011.[3]

Rat il-verbal tagħha (diversament preseduta) tal-4 ta’ Marzu 2013[4] u tal-1 ta’ Diċembru 2015[5] li permezz tiegħu, wara t-talba ta’ periti perizjuri[6], ħatret lil Dr Josanne Aquilina, lil Mr Ray Gatt u lill-kirurgu Antoine Zrinzo.

Rat ir-Rapport imressaq mill-periti perizjuri.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

---

[1] Fol 46
[2] Fol 57
[3] Fol 61
[4] Fol 79
[5] Fol 102
[6] Fol 64

Rat l-atti kollha tal-każ.

**Ikkunsidrat:**

**1. Responsabilita` tal-inċident**

Illi l-aċċident in kwistjoni seħħ fit-22 ta' Mejju 2006 meta l-attriċi kienet wieqfa fit-traffiku ġo Valley Road, Imsida u l-konvenut baqa' dieħel fil-vettura tagħha minn wara. Mal-impatt il-vettura tal-attriċi imxiet u baqgħet dieħla fil-vettura ta' quddiemha.

Ir-responsabilita' ta' dan l-inċident hija ammessa u aċċettata mill-konvenuti. Il-kontestazzjoni hija dwar l-ammont ta' danni pretiżi mill-attriċi peress li l-konvenuti jargumentaw li m'għandhiex diżabilita' permanenti u dan skond kif iċċertifika l-konsulent ortopediku tas-soċjeta` assikurattriċi konvenuta Mr Frederick Zammit Maempel.[7]

**2. Likwidazzjoni tad-danni**

**2.1 *Damnum Emergens***

Għal dak li jirrigwarda id-*damnum emergens*, l-attriċi ressqet numru ta' irċevuti li jikkonsistu f'fiżjoterapija, f'xiri ta' mediċini, irċevuti għat-transport, u irċevuti ta' tobba u sptarijiet bil-valur komplessiv ta' tnejn u erbgħin elf, mitejn u tmienja u disgħin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€42,298.52). Ma' dan l-ammont hemm inklużi l-arretrati tal-għajnuna domestika illi użat l-attriċi mill-aħħar tas-sena 2006 sal-bidu tal-2019 meta nfetħu dawn il-proċeduri li jammontaw għal

[7] Dok GMI1 a fol 39

€25,465,11. Għalkemm l-attriċi ma ppreżentat l-ebda irċevuti għal dan, huwa verosimili illi tassew utilizzat din l-għajnuna minħabba l-kundizzjoni li sabet ruħha fiha peress li ma setgħetx tagħmel ċertu faċendi tad-dar ta' strapazz minħabba l-inċident. Għalhekk f'dan ir-rigward sejra tagħti kumpens fis-somma ta' €42,298.52.

**2.2 *Lucrum Cessans*:**

L-Artiklu 1045(1) tal-Kodici Ċivili jistipula kif għandhom jitqiesu d-danni minħabba telf ta' qliegħ futur: "Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija… t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib."[8] Meta seħħ l-inċident, l-attriċi kienet mara indipendenti u kienet kapaċi tieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħha u tad-dar mingħajr il-ħtieġa ta' assistenza jew għajnuna ta' ħadd. Minħabba l-inċident in kwistjoni, din l-indipendenza tal-attriċi b'mod ġenerali ġiet ferm ridotta. Għalkemm l-attriċi kompliet bl-impjieg tagħha, dan l-aċċident affetwalha ħajjitha b'mod drastiku u ħalliha b'uġigħ kontinwu u nuqqas ta' moviment ta' jdejha, spallejha u għonqha. Ħafna drabi wara x-xogħol l-attriċi jkollha tmur torqod minħabba l-uġigħ u d-dardir li jġib miegħu l-uġigħ. L-uġigħ ma jħallihiex torqod matul il-lejl u għalhekk dejjem tħossha għajjiena. Minkejja dan kollu tipprova tgħix ħajjitha normali kemm jista' jkun u għamlet diversi arranġamenti fuq il-post tax-xogħol sabiex tkun tista' tkompli taħdem. Kellha tadatta għas-sitwazzjoni tagħha u peress li ma tistax tgħolli jdejha kemm trid minħabba nuqqas ta' moviment, għenet ruħha ferm biex kemm jista' jkun ma tkun dipendenti fuq ħadd. Jidher illi l-kwalita` tal-ħajja tal-attriċi ma baqgħetx dak li kienet qabel.

[8] P.A. 30.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Schembri vs David Tanti

### 2.2.1 *Multiplier*:

Il-bixra ta' ħsieb tas-sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[9], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[10], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qorti tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.

Huwa stabbilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[11], u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Fil-każ preżenti, jidher li l-attriċi fiż-żmien tal-inċident kellha wieħed u tletin (31) sena magħluqa. Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' 25 sena[12] abbażi ta' ħajja lavorattiva sa 60 sena anke jekk l-eta` tal-irtirar qegħda ssir progesssivament ikbar minn hekk u tifhem li bħalissa l-eta` tal-irtirar għall-attrici hija ta' 65 sena.

### 2.2.2 Paga

9 App. Kumm. 26.7.1991 Mary Bugeja v George Agius
10 Kumm. 11.7.1989 Emanuel Aġius v Joseph Galea
11 App. ġiv. 16.11.1983 Salvatore Mifsud v Carlo Camilleri
12 Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi vs Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.

Meta seħħ l-inċident, l-attriċi kellha paga gross ta' € 21,027.[13] Din il-Qorti sejra tagħmel aġġustament ta' 20% għal żidiet fuq perjodu ta' 25 sena, li jwassal għall-ammont ta' €25,232.40.

### 2.2.3 Rata ta' diżabilita`

Il-periti perizjuri allokaw rata ta' diżabilita' ta' 5% li mhix ikkontestata.

### 2.3 Spejjeż Futuri

Artiklu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jistabbilixxi kif jitqiesu d-danni, mhux biss isemmi d-*damnum emergens* u *l-lucrum cessans* imma wkoll "l-ispejjeż li (l-vittma) kellha tagħmel minħabba l-ħsara". Il-liġi ma tirrestrinġix dawn l-ispejjeż għal dawk inkorsi qabel ma tkun ġiet ippreżentata l-kawża biss. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti mhux biss irid jittieħed kont ta' telf ta' qliegħ antiċipat fil-futur, imma wkoll lispejjeż – mediċi, jew xort'oħra – li jkun mistenni li l-vittma tinkorri fil-futur kawża tal-menomazzjoni tagħha.

L-attriċi qed titlob kumpens għal-ħlas ta' għajnuna fit-tindif fid-dar u mogħdija għall-ammont ta' elfejn u tmenin Ewro (€2,080) fis-sena peress illi ma tistax tagħmel dak kollu li kienet tagħmel qabel iżda ta' dan ma nġabet l-ebda prova ta' kemm titħallas il-fattiga. Hemm biss indikazzjoni fil-prospett ta' danni tal-attriċi għal-ammont pretiż. Iżda huwa ta' min jinnota illi hu verosimili li l-attriċi għandha bżonn tal-għajnuna ta' fattiga fil-ħajja ta' kuljum. Dan aktar u aktar meta żewġ fiżjoterapisti illi iżżur l-attriċi (Bernardette Mallia u Yosef Pace) ikkonfermaw illi kawża tal-inċident għadha ssofri uġigħ f'għonqha, spallejha u darha flimkien ma' uġigħ ta' ras li jitilgħu mill-għonq għar-ras. Inoltre' tbati minn

[13] Dok JD1 a fol 146

nuqqas ta' moviment fil-għonq u fid-dahar. Konsegwenza t'hekk ma tistax tagħmel ċertu faċendi tad-dar bħal ma kienet qabel u tbati biex iżomm siegħat twal bilqegħda fuq il-post tax-xogħol, għaliex wara tkun muġugħa ħafna. L-attriċi ma tistax tagħmel ċertu attivitajiet ta' kuljum b'kumdita` u normalita` u l-fiżjoterapija tgħinha sabiex tnaqqas l-uġigħ u għalhekk huwa suġġerit li l-attriċi tibqa' tattendi dawn is-sezzjonijiet ta' fiżjoterapija. Wara tant żmien li seħħ l-inċident, il-qagħda tal-attriċi ma tjibitx u huwa improbabbli illi l-attriċi terġa' tikseb ħajjitha lura għan-normal. Il-fiżjoterapisti li ġew imressqa bħala xhieda ma ġewx kontro-eżaminati.

Ovvjament dan kollu jillimita lil attriċi fil-ħajja ta' kuljum u filfatt ma tistax tagħmel xogħol tad-dar bħal qabel. Il-Qorti tikkalkula li fl-eta` ta 65 normalment wieħed ikollu bżonn l-għajnuna ta' seftura. Għalhekk taħt dan ir-ras ta' danni mhux il-każ li wieħed jieħu l-eta` abbażi tal-*life expectancy*, kif qed titlob l-attriċi. Hija tagħlaq 65 sena fit-2039. Il-Qorti diġa tagħtha kumpens sal-2019. Bejn 2019 u 2039 hemm 20 sena. Mela t-total jiġi €2,080 x 20 = €41,600.

L-attriċi qed titlob ukoll kumpens għal-sessjonijiet ta' fiżjoterapija għall-ammont ta' elfejn u tmenin Ewro (€2,080) fis-sena.

Illi, irriżulta illi minn meta seħħ l-inċident u ċjoe fl-2006 sal-lum, l-attriċi baqgħet tmur għal din it-terapija mill-inqas darba fil-ġimgħa u hija l-intenzjoni tagħha li tibqa' tattendi għal tali terapija sabiex issib ftit mistrieħ mill-uġigħ. Din il-Qorti se tieħu in konsiderazzjoni medda ta' 20 sena għal dawn is-sessjonijiet. Il-fiżjoterapisti li joffru s-servizzi tagħhom lill-attriċi għandhom rata ta' bejn €30 u €40 kull sezzjoni. Għalhekk din il-Qorti se tieħu l-medja ta' dawn l-ammonti li jwassal għal €35. €35 x 52 x 20 = €36,400.

## 2.4 Lump Sum Payment

Kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti kif ippreseduta, 'mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat.'[14]

***Quantum* komplessiv tad-danni:**

Damnum emergens: €42,298.52

Lucrum Cessans: €25,232.40 x 25 x 5% = €31,540.50

Spejjeż futuri: €78,000

**Total: €151,839.02**

***Decide.***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut safejn mhumiex konsistenti ma' din is-sentenza, u tilqa' t-talbiet tal-attriċi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara lill-konvenut Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-22 ta' Mejju 2006 ġewwa Valley Road Imsida u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbet l-attriċi.

[14] Trevor Grech vs Lawrence Agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018

2. Tilqa' t-tieni talba blli tillikwida d-danni kollha fl-ammont ta' €151,839.02.

3. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla u lis-soċjeta' Gasan Mamo Insurance Limited fil-vesti tagħha bħala assikuratur tal-vettura Nru. AAM 492 sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu lill-attriċi l-ammont ta' €151,839.02 bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Bl-ispejjes, kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Marzu 2008 u dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' April 2008 a karigu tal-konvenuti.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA